MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CLAIRE-LOUISE STAFRACE**

Seduta tal-5 ta' Awwissu, 2011

Numru. 853/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur James Grech]**

**vs**

**Martin Farrugia**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Martin Farrugia detentur tal-karta tal-identita` numru 290263(M).

Akkuzat talli nhar il-21 ta’ Lulju 2011 ghall-habta tat-14:45hrs gewwa Floriana:

1. attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra Twanny Delicata fil-kapacità tieghu bhala Ufficjal ta’ Transport Malta, persuna nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jagixxi ghall-

esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skont il-ligi mill-awtorità kompetenti u fil-waqt tal-attakk jew tar-rezistenza, uza arma regulari;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja, jew hedded, jew ghamel offiza fuq Twanny Delicata fil-kapacità tieghu bhala Ufficjal tat-Transport Malta, persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jbezzghu jew li jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr ’il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta minghajr licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

4. u aktar talli kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

5. u aktar talli m’ghobdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorità jew ta’ wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliehx jew fixklu waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijietu, billi ma halliehx jaghmel dak li b’ligi kien ordnat jew seta’ jaghmel, jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skont il-ligi.

Il-Qorti giet mitluba tqis lil Martin Farrugia bhala recidiv ta’ diversi sentenzi a tenur tal-Artikolu 49 u 50 ta’ Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, u l-konferma ta’ tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista’ jirregola ruhu, u

Rat illi huwa recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9.

Ghaldaqstant, filwaqt li qed issib lill-imptuat Martin Farrugia, hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih, u wara li rat l-Artikoli 95, 96, 97, 31 338(cc), 338(ee), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 6 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tikkundannah ghal tlettax-il (13) xahar prigunerija.

Inoltre, u a bazi tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed tordna wkoll id-distruzzjoni tal-arma tar-reat li giet esebita f’dawn l-atti  u mmarkata bhala Dok JG1.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------